2026/1691

9.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (Euratom) 2026/1691

tat-8 ta' Lulju 2026

dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-rigward ta' Ġibiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101, it-tieni paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-approvazzjoni tal-Kunsill,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni ([1]), il-Kunsill approva l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim fir-rigward ta' Ġibiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), inkluż l-applikazzjoni proviżorja tiegħu, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-"Trattat Euratom").

(2) Il-Ftehim ikopri tabilħaqq kemm kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat Euratom, jiġifieri d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni nukleari ċivili. Il-Ftehim jenħtieġ għalhekk li jiġi konkluż ukoll f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt dak it-Trattat.

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, sakemm jidħol fis-seħħ, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat Euratom.

(4) Għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Ftehim huwa maħsub li japplika fuq bażi proviżorja mill-15 ta' Lulju 2026. Għal raġunijiet ta' konsistenza, anki l-parti tal-Ftehim li tkopri kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat Euratom jenħtieġ li tapplika fuq bażi proviżorja mill-istess data.

(5) L-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni tal-Ftehim fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma soġġetti għal proċedura separata, skont dak it-Trattat,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fir-rigward ta' Ġibiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([2]), huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat Euratom.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-rigward ta' Ġibiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) It-test tal-Ftehim (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Artikolu 2

Wara l-iffirmar tiegħu, u soġġett għar-reċiproċità, il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-15 ta' Lulju 2026.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni